

Dispożittiv

- 1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tas-7 ta' Settembru 2018 li tiċħad l-offerta ppreżentata minn Securitec għal-lott Nru 4 tal-kuntratt li kien is-suġġett ta' proċedura ta' sejħa għal offerti ristretta HR/R1/PR/2017/059 u marbuta mal-"manutenzjoni tal-installazzjonijiet ta' sigurtà fil-bini okkupat u/jew ġestit mill-Kummissjoni Ewropea fil-Belġju u fil-Lussemburgu" kif ukoll id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Settembru 2018 li tirrifjuta li tipprovdi lil Securitec l-ispeċifikazzjonijiet li hija kienet talbet fil-kuntest tal-istess proċedura tal-11 ta' Settembru 2018 huma annullati.
- 2) Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Ziegler SA hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 25, 21.1.2019.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Lulju 2020 – Glimarpol vs EUIPO – Metar (Għodda Pnewmatika)

(Kawża T-748/18) (¹)

(“Disinn Komunitarju – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità – Disinn Komunitarju rreġistrat li jirrappreżenta għodda pneumatica – Disinn preċedenti – Prova tal-iżvelar – Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 6/2002 – Raġuni għal invalidità – Karattru individwali – Impressjoni globali differenti – Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament Nru 6/2002”)

(2020/C 339/15)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Glimarpol sp. z o.o. (Bytom, il-Polonja) (rappreżentant: M. Kondrat, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Folliard-Monguiral u H. O'Neill, aġenti)

Intervenjent, insostenn tal-konvenut: Metar sp. z o.o. (Gliwice, il-Polonja) (rappreżentanti: R. Skubisz u M. Mazurek, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-4 ta' Ottubru 2018 (Każ R 1615/2017-3), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Metar u Glimarpol.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Glimarpol sp. z o.o. hija kkundannata għall-ispejjeż.
- 3) Metar sp. z o.o. hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 72, 25.2.2019.